

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Wirt](#) > [Suċċessjonijiet](#) > [Greece](#)

Suċċessjonijiet

 Greċja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

L-iskeda informattiva ġiet ippreparata b'kooperazzjoni mal-Kunsill tan-Nutara tal-UE (CNUE)

1 Kif titfassal dispożizzjoni dwar it-tqassim tal-beni (testment, testment konġunt, ftehim dwar is-suċċessjoni) malli jmut xi ħadd?

A. Is-suċċessjoni volontarja hija possibbli biss permezz ta' testment (l-Artikoli 1710 u 1712 tal-Kodiċi Ċivili).

Il-liġi tippredvi t-tipi ta' testmenti li ġejjin:

(a) Testmenti ordinarji:

- Testment olografiku: miktub, datat u ffirmat kompletament mit-testatur b'idu (mingħajr tagħmir mekkaniku) (l-Artikoli 1721-1723 tal-Kodiċi Ċivili). M'hemmx bżonn li testment b'hal dan jintbagħat lil kwalunkwe awtorità. Wara l-mewt tat-testatur, *persuna li tkun fil-pussess ta' testment olografiku trid, malli tkun infurmata b'mewt it-testatur u mingħajr dewmien intenzjonat, tibgħat it-testment għall-pubblikazzjoni lill-Imħallef tal-qorti ċivili distrettwali li jpoġġi jew fl-aħħar domiċilju jew residenza tat-testatur jew fid-domiċilju tiegħu stess, jew lil kwalunkwe awtorità konsulari Griega jekk il-pussessur tat-testment ikollu r-residenza tiegħu barra l-pajjiż* (l-Artikoli 1774-1775 tal-Kodiċi Ċivili).
- Testment issiġillat: eżegwit mit-testatur u mibgħut f'envelop issiġillat lil nutar fil-preżenza ta' tliet xhieda jew dil-preżenza ta' żewġ nutara u xhud wieħed. Wara l-mewt tat-testatur, in-nutar irid, *mingħajr dewmien intenzjonat, jikkonsenja personalment it-testment oriġinali lill-Imħallef tal-qorti ċivili distrettwali li jpoġġi fir-reġjun fejn in-nutar għandu l-uffiċċju rreġstrat tiegħu* (l-Artikoli 1738-1748 u 1769 tal-Kodiċi Ċivili).
- Testment pubbliku: imħabbar verbalment mit-testatur lin-nutar fil-preżenza ta' tliet xhieda jew lil żewġ nutara fil-preżenza ta' xhud wieħed. Att notarili jiġi eżegwit. Dan ikun fih it-testment u jinżamm min-nutar, li jrid, *malli jiġi infurmat b'mewt it-testatur u mingħajr dewmien intenzjonat, jibgħat kopja lill-Imħallef tal-qorti ċivili distrettwali li jpoġġi fir-reġjun fejn in-nutar għandu l-uffiċċju rreġstrat tiegħu* (l-Artikoli 1724-1737 u 1769 tal-Kodiċi Ċivili).

(b) Testmenti straordinarji:

F'ċirkostanzi straordinarji testment jista' jiġi eżegwit fuq vapur (l-Artikoli 1749-1752 tal-Kodiċi Ċivili), minn suldati waqt kampanja militari (l-Artikoli 1753-1756 tal-Kodiċi Ċivili) u persuni iżolati (l-Artikolu 1757 tal-Kodiċi Ċivili). Testment straordinarju jiġi kkonsenjat mingħajr dewmien lill-eqreb awtorità konsulari Griega jew lil nutar fil-Greċja u jkun innotifikat lill-awtorità sorveljatorja kompetenti (l-Artikoli 1761-1762 tal-Kodiċi Ċivili). Testment straordinarju jsir null u bla effett minnufih malli jgħaddu tliet xhur mid-data meta ċ-ċirkostanzi straordinarji ma baqgħux jaffettwaw lit-testatur bil-kundizzjoni li jkun għadu ħaj (l-Artikoli 1758-1760 tal-Kodiċi Ċivili).

Kull testment ikun validu b'mod ugwali, u testment posterjuri jirrevoka kull testment li jkun sar qabel, sakemm it-

testatur jirrevoka espliċitament it-testment preċedenti jew meta t-testment sussegwenti jkun fih dispożizzjonijiet kontradittorji jew differenti minn dawk ta' qabel. F'dan l-aħħar każ, testment sussegwenti jirrevoka l-partijiet tat-testment preċedenti li jikkontradixxuh (l-Artikoli 1763-1768 tal-Kodiċi Ċivili).

F'kull każ it-testatur irid ikun kompetenti biex jaġixxi, irid ikun qed jaġixxi b'volontà libera u mhux sfurzata, u jrid jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti mil-liġi għall-eżekuzzjoni legali ta' kull tip ta' testment.

B. Alternattivament, tista' ssir donazzjoni permezz ta' kuntratt tal-mewt (l-Artikoli 2032-2035 tal-Kodiċi Ċivili). F'dan il-każ, madankollu, id-donatur ma jitqiesx bħala l-werriet jew is-suċċessur universali tad-donatur.

C. Testment *unica charta* (jiġifieri testment eżegwit minn żewġ persuni jew iktar f'att wieħed) huwa pprojbit mil-liġi (l-Artikolu 1717 tal-Kodiċi Ċivili).

D. Ftehimiet rigward suċċessjonijiet futuri huma pprojbiti wkoll (l-Artikolu 368 tal-Kodiċi Ċivili).

2 Id-dispożizzjoni għandha tkun irreġistrata u jekk iva, kif?

A. Testment olografiku jrid jintbagħat lil awtorità speċifika. Għal raġunijiet ta' sigurtà, madankollu, it-testatur jista' jħallih ma' nutar biex iżommu f'post sikur (l-Artikolu 1722 tal-Kodiċi Ċivili).

B. Testmenti ssiġillati u testmenti pubbliċi jridu jintbagħtu lil nutar, u irid jiġi eżegwit att notarili rilevanti (l-Artikoli 1743 u 1732 tal-Kodiċi Ċivili).

C. Testment straordinarju jrid ikun innotifikat lil awtorità superviżorja u jrid jintbagħat mingħajr dewmien lill-eqreb awtorità konsulari Griega jew lil nutar fil-Greċja (l-Artikoli 1761-1762 tal-Kodiċi Ċivili).

D. Ma' mewt it-testatur, *nutar li jkun qed iżomm testment irid, f'każ ta' testment pubbliku, jibgħat kopja lill-Imħallef tal-qorti ċivili distrettwali, u, fil-każ ta' testment issiġillat jew straordinarju, in-nutar irid jikkonsenja personalment it-testment oriġinali għall-pubblikazzjoni lill-Imħallef tal-qorti ċivili distrettwali li jkun ipoġġi fir-reġjun fejn in-nutar ikollu l-uffiċċju rreġistrat tiegħu* (l-Artikoli 1769-1780 tal-Kodiċi Ċivili u l-Artikoli 807-811 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili). *Kwalunkwe persuna li tkun fil-pussess ta' testment olografiku trid, malli tkun infurmata b'mewt it-testatur u mingħajr dewmien intenzjonat, tibgħat it-testment għall-pubblikazzjoni lill-Imħallef tal-qorti ċivili distrettwali li jpoġġi jew fl-aħħar domiċilju jew residenza tat-testatur jew fid-domiċilju tiegħu stess* (l-Artikoli 1774-1775 tal-Kodiċi Ċivili u l-Artikoli 807-811 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili). Jekk min qed iżomm it-testment ikun jgħix barra, ikun jista' jibagħtu lil kwalunkwe awtorità konsulari Griega.

E. Kwalunkwe persuna li ssib jew iżżomm testment olografiku u tonqos milli tibagħtu lil awtorità kompetenti minnufih tkun suġġetta għal pieni ċivili u kriminali u, jekk tkun il-werriet, hija tiflef dik is-suċċessjoni (l-Artikoli 914, 902, 903 u 1860 tal-Kodiċi Ċivili, l-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili u l-Artikoli 222 u 242 tal-Kodiċi Kriminali).

3 Hemm restrizzjonijiet fuq il-libertà li wieħed jiddisponi mill-beni wara l-mewt (pereżempju sehem riżervat)?

A. Id-dixxendenti u l-ġenituri tad-deċedut, kif ukoll il-konjuġi superstiti jew superstiti li d-deċedut ikun ikkonkluda sħubija rreġistrata miegħu, illi kieku kienu jkunu nominati suċċessuri *ab intestato*, huma intitolati għal sehem riżervat mill-patrimonju (l-Artikolu 1825 tal-Kodiċi Ċivili u l-Artikolu 11 tal-Liġi 3719/2008).

B. Is-sehem riżervat tal-patrimonju jikkorrispondi għal nofs is-sehem f'każ ta' mewt *ab intestato*. Il-benefiċjarju legali ta' dak is-sehem jiġi inkluż bħala werriet apparenti fir-rigward ta' dik il-porzjoni (l-Artikolu 1825 tal-Kodiċi Ċivili).

C. Il-metodu użat biex jiġi kkalkulat dak il-proporzjon huwa kumpless. Jitqiesu wkoll il-benefiċċji imputabbli li diġà ngħataw lill-benefiċjarju mingħand id-deċedut u l-valur (nozzjonali) totali tal-patrimonju (l-Artikolu 1830-1834 tal-Kodiċi Ċivili).

D. Kull restrizzjoni imposta mit-testment fuq il-benefiċjarju tas-sehem riżervat, jitqies daqslikieku ma tkunx inkitbet sa fejn tkun tapplika għas-sehem riżervat tal-patrimonju (l-Artikolu 1829 tal-Kodiċi Ċivili). Bil-ftuħ ta'

kawża biex tiġi rritornata donazzjoni lil persuna li ma jmisshix sehem riżervat, il-benefiċjarju tas-sehem jista' jdawwar id-donazzjoni magħmula mid-deċedut tul ħajtu, jekk il-patrimonju li għad fadal fil-mument tal-mewt ma jkunx biżżejjed biex ikopri s-sehem riżervat. Id-dritt li tiftaħ kawża jiġi preskritt sentejn wara l-mewt tad-deċedut (l-Artikoli 1835-1838 tal-Kodiċi Ċivili).

E. Il-benefiċjarju legali tas-sehem riżervat ma għandux jirċievi sehem riżervat tal-patrimonju jekk ikun diżeredat mid-deċedut (l-Artikoli 1839-1845) jew jekk ma jkunx denju li jirċievi b'testament (l-Artikoli 1860-1864). Il-benefiċjarju legali tas-sehem riżervat jista' jirrinunzja s-suċċessjoni (l-Artikoli 1847-1859 tal-Kodiċi Ċivili) jew jista' jirrinunzja għas-sehem riżervat (l-Artikoli 1826 tal-Kodiċi Ċivili).

4 Jekk ma jkunx hemm dispożizzjoni dwar it-tqassim tal-beni malli jmut xi ħadd, min jiret u kemm?

Hemm sitt gradi ta' suċċessjoni *ab intestato*. Persuna inkluża fi grad minnhom ma tissejjaħx għas-suċċessjoni jekk tissejjaħ għas-suċċessjoni persuna oħra minn grad preċedenti (l-Artikoli 1819 tal-Kodiċi Ċivili):

A. Id-dixxendenti tad-deċedut jissejħu fl-ewwel grad tas-suċċessjoni *ab intestato*. Is-suċċessjoni tiġi ddeterminata *per stirpes*. L-eqreb dixxendent jeskludi dixxendenti iktar imbiegħda fl-istess fergħa. It-tfal jirtu sehem indaqs tal-patrimonju (l-Artikolu 1813 tal-Kodiċi Ċivili).

Il-konjuġi superstiti jiġi inkluż ukoll fl-ewwel grad u jirċievi kwart tal-patrimonju (l-Artikolu 1820 tal-Kodiċi Ċivili).

Superstiti li jkun ikkonkluda sħubija rreġistrata mad-deċedut jiġi inkluż ukoll fl-ewwel grad u jirċievi parti minn sitta tal-patrimonju (l-Artikolu 11 tal-Liġi 3719/2008).

B. Il-ġenituri u l-aħwa tad-deċedut, kif ukoll it-tfal u t-tfal tat-tfal ta' kull wieħed mill-aħwa tad-deċedut li jkunu mietu qabel id-deċedut jew li jirrinunzjaw għad-drittijiet tagħhom ta' suċċessjoni jew mhumix denji li jirċievu b'testament, huma inklużi fit-tieni grad. Il-ġenituri u l-aħwa, kif ukoll it-tfal u t-tfal tat-tfal ta' kull wieħed mill-aħwa li jkunu mietu qabel id-deċedut jew li jirrinunzjaw għad-drittijiet tagħhom ta' suċċessjoni jew mhumix denji li jirċievu b'testament jirtu l-patrimonju *per stirpes* (l-Artikolu 1814 tal-Kodiċi Ċivili).

Jekk aħwa minn ġenitur wieħed jiġu kklassifikati mal-ġenituri jew l-aħwa miż-żewġ ġenituri jew ma' tfal jew tfal tat-tfal ta' aħwa miż-żewġ ġenituri. Nofs is-sehem jiġi ukoll it-tfal jew it-tfal tat-tfal ta' kull wieħed mill-aħwa li jkunu mietu qabel id-deċedut jew li jirrinunzjaw għad-drittijiet tagħhom ta' suċċessjoni jew mhumix denji li jirċievu b'testament (l-Artikolu 1815 tal-Kodiċi Ċivili).

Il-konjuġi superstiti jiġi inkluż ukoll fit-tieni grad u jirċievi nofs il-patrimonju (l-Artikolu 1820 tal-Kodiċi Ċivili).

Superstiti li jkun ikkonkluda sħubija rreġistrata mad-deċedut jiġi inkluż ukoll fit-tieni grad u jirċievi terz tal-patrimonju (l-Artikolu 11 tal-Liġi 3719/2008).

C. In-nanniet kif ukoll it-tfal u t-tfal tat-tfal minn fost id-dixxendenti tad-deċedut jissejħu fit-tielet grad tas-suċċessjoni *ab intestato*.

Jekk fil-mument tal-mewt tad-deċedut, in-nanniet fiż-żewġ linji għadhom ħajjin u ma rrinunzjawx għad-dritt tagħhom tas-suċċessjoni u huma denji li jirċievu b'testament, huma jkunu l-uniċi benefiċjarji tal-patrimonju u jirtu f'sehem indaqs.

Jekk fil-mument tal-mewt tad-deċedut in-nannu jew in-nanna fil-linja tal-missier jew tal-omm ma jkunux ħajjin jew ikunu rrinunzjaw għad-dritt tas-suċċessjoni jew mhumix denji li jirċievu b'testament, jiġu ssostitwiti mit-tfal jew it-tfal tat-tfal tagħhom. Fin-nuqqas ta' tfal jew tfal tat-tfal jew jekk dawn ikunu rrinunzjaw għad-dritt tas-suċċessjoni jew mhumix denji li jirċievu b'testament, is-sehem tal-persuna li tkun mietet jew rrinunzjat għad-dritt tas-suċċessjoni jew mhix denja li tirċievi b'testament imur għand in-nannu jew in-nanna fl-istess linja, u fin-nuqqas ta' nanniet b'hal dawn jew f'każ li jkunu rrinunzjaw għad-dritt tas-suċċessjoni jew mhumix denji li jirċievu b'testament, jgħaddi għat-tfal jew it-tfal tat-tfal tagħhom.

Jekk fil-mument tal-mewt tad-deċedut in-nannu u n-nanna fil-linja tal-missier jew l-omm ma jkunux ħajjin jew ikunu rrinunzjaw għad-dritt tas-suċċessjoni jew mhumix denji li jirċievu b'testament u ma jkollhomx tfal u tfal tat-tfal jew it-tfal u t-tfal tat-tfal tagħhom ikunu rrinunzjaw għad-dritt tas-suċċessjoni jew mhumix denji li jirċievu

b'testment, l-uniċi benefiċjarji jkunu n-nannu jew in-nanna u t-tfal u t-tfal tat-tfal tagħhom fil-linja l-oħra.

It-tfal jirtu sehem indaq tal-patrimonju u jeskludu lit-tfal tat-tfal fl-istess fergħa. It-tfal jirtu l-patrimonju skont il-fergħa (l-Artikolu 1816 tal-Kodiċi Ċivili).

Il-konjuġi superstiti jiġi inkluż ukoll fit-tielet grad u jirċievi nofs il-patrimonju (l-Artikolu 1820 tal-Kodiċi Ċivili).

Superstiti li jkun ikkonkluda sħubija rreġistrata mad-deċedut jiġi inkluż ukoll fit-tielet grad u jirċievi terz tal-patrimonju (l-Artikolu 11 tal-Liġi 3719/2008).

D. Il-bużnanniet tad-deċedut jissejħu fir-raba' grad tas-suċċessjoni *ab intestato* u jirtu sehem indaq tal-patrimonju irrispettivament mil-linja (l-Artikolu 1817 tal-Kodiċi Ċivili).

Il-konjuġi superstiti jiġi inkluż ukoll fir-raba' grad u jirċievi nofs il-patrimonju (l-Artikolu 1820 tal-Kodiċi Ċivili).

Superstiti li jkun ikkonkluda sħubija rreġistrata mad-deċedut jiġi inkluż ukoll fir-raba' grad u jirċievi terz tal-patrimonju (l-Artikolu 11 tal-Liġi 3719/2008).

E. Konjuġi superstiti jew supersiti li jkun ikkonkluda sħubija rreġistrata mad-deċedut jiġi inkluż ukoll fil-ħames grad u jirċievi l-patrimonju kollu (l-Artikolu 1821 tal-Kodiċi Ċivili u l-Artikolu 11 tal-Liġi 3719/2008).

Konjuġi ddivorzjat u superstiti li jkun ikkonkluda sħubija rreġistrata mad-deċedut f'każ li dik is-sħubija ntemmet waqt li d-deċedut kien għadu ħaj, mhumiex inklużi fis-suċċessjoni *ab intestato*.

Konjuġi superstiti li d-deċedut ikun fetaħ kawża ta' divorzju kontrih, b'raġunijiet validi għad-divorzju, huwa eskluż mis-suċċessjoni *ab intestato* (l-Artikolu 1822 tal-Kodiċi Ċivili).

F. L-Istat Grieg jissejjaħ fis-sitt grad tas-suċċessjoni *ab intestato* u jirċievi l-patrimonju kollu bil-benefiċċju tal-inventarju (l-Artikolu 1824 tal-Kodiċi Ċivili u l-Artikolu 118 tal-Liġi li tistabbilixxi l-Kodiċi Ċivili).

5 Liema tip ta' awtorità hija kompetenti:

5.1 fi kwistjonijiet ta' suċċessjoni?

Il-qorti tas-suċċessjoni, jiġifieri l-qorti *ċivili distrettwali* tar-reġjun fejn id-deċedut ikollu d-domiċilju tiegħu fil-mument tal-mewt jew ir-residenza tiegħu fin-nuqqas ta' domiċilju, jew il-qorti *ċivili distrettwali tal-belt kapitali tal-Istat* fin-nuqqas ta' residenza, ikollha l-ġuriżdizzjoni fuq kwistjonijiet relatati mas-suċċessjoni (l-Artikoli 30 u 810 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

In-nutara u l-awtoritajiet konsulari Griegi huma wkoll kompetenti biex ifasslu u jissalvagwardjaw it-testmenti.

Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet fiskali Griegi huma wkoll kompetenti li jirċievu d-dikjarazzjonijiet fiskali tas-suċċessjoni u japplikaw taxxi fuq is-suċċessjoni.

5.2 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja jew aċċettazzjoni tas-suċċessjoni?

5.3 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja jew aċċettazzjoni tal-legat?

5.4 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja u aċċettazzjoni ta' sehem riżervat?

Dwar 5(b) sa (d): Id-dikjarazzjonijiet segwenti jintbagħtu lis-segretarjat tal-qorti tas-suċċessjoni:

- Dikjarazzjonijiet li jikkonċernaw ir-rinunzja ta' suċċessjoni jew legat minn kwalunkwe werriet (werriet skont it-testment, werriet *ab intestato*, werriet apparenti). Ir-rinunzja trid issir qabel ma jgħaddu erba' xhur minn dak inhar li l-parti li qed tirrinunzja tiġi infurmata bil-ftuħ tas-suċċessjoni u bir-raġuni tal-ftuħ. Jekk id-deċedut jew il-werriet kienu jgħixu barra, l-iskadenza għar-rinunzja tiġi estiża għal sena (l-Artikolu 812 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili u l-Artikoli 1847-1859 tal-Kodiċi Ċivili).
- Dikjarazzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċettazzjoni ta' suċċessjoni bil-benefiċċju tal-inventarju (l-Artikolu 812 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili u l-Artikoli 1902-1912 tal-Kodiċi Ċivili).
- Dikjarazzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċettazzjoni jew ir-rinunzja tal-funzjoni ta' eżekutor ta' testment jew li

jikkonċernaw it-tneħħija ta' dik il-funzjoni (l-Artikolu 812 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili u l-Artikoli 2017-2031 tal-Kodiċi Ċivili).

- Dikjarazzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċettazzjoni jew ir-rinunzja ta' gwardjan ta' wirt battal (l-Artikolu 812 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili u l-Artikoli 1865-1870 tal-Kodiċi Ċivili).

6 Deskrizzjoni qasira tal-proċedura biex issir suċċessjoni skont il-liġi nazzjonali, inkluż kif issir il-likwidazzjoni tal-patrimonju u kif jinqasmu l-assi (din tinkludi informazzjoni dwar jekk il-proċedura ta' suċċessjoni tinbeda minn qorti jew minn awtorità kompetenti oħra fuq inizjattiva tagħha stess)

A. Qabel ma jiskadi l-perjodu għar-rinunzja ta' suċċessjoni (jiġifieri erba' xhur, jew sena jekk id-deċedut jew il-werriet ikunu jgħixu barra fil-mument tal-ftuħ tas-suċċessjoni - l-Artikolu 1847 tal-Kodiċi Ċivili), il-werriet jista' jiddikjara lis-segretarjat tal-qorti tas-suċċessjoni (*l-Artikolu 810 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jistipula liema qorti tas-suċċessjoni tkun responsabbli*) li jkun aċċetta s-suċċessjoni bil-benefiċċju tal-inventarju. F'dak il-każ, il-werriet bil-benefiċċju tal-inventarju huwa responsabbli li jerfa' l-obbligi tal-patrimonju sa fejn ikunu jistgħu jiġu sodisfatti bl-assi tal-istess patrimonju (l-Artikoli 1902 u 1904 tal-Kodiċi Ċivili).

Il-werriet bil-benefiċċju tal-inventarju jrid jipproċedi biex iħejji inventarju tal-assi tal-patrimonju fi żmien erba' xhur. Il-patrimonju huwa raggruppament tal-proprjetà li hija distinta mill-proprjetà personali tal-werriet. Werriet bil-benefiċċju tal-inventarju jkollu jissodisfa lill-kredituri tal-patrimonju u mbagħad lil-legatarji. Fil-każ ta' atti ta' rinunzja tal-assi tal-patrimonju, il-werriet bil-benefiċċju tal-inventarju jrid jitlob permess mill-qorti tas-suċċessjoni (l-Artikoli 1902-1912 tal-Kodiċi Ċivili u l-Artikoli 812, 838-841 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

B. Il-kredituri tal-patrimonju jew il-werrieta jistgħu jitolbu likwidazzjoni ġudizzjarja tal-patrimonju mill-qorti ta' suċċessjoni (l-Artikoli 1913 tal-Kodiċi Ċivili). Il-qorti trid tordna l-likwidazzjoni tal-patrimonju fuq talba tal-werriet bil-benefiċċju tal-inventarju, u dan tal-aħħar għandu, f'dak il-każ, jgħaddi l-proprjetà tas-suċċessjoni lill-kredituri u jkun illiberat minn kull obbligu (l-Artikolu 1909 tal-Kodiċi Ċivili).

Il-qorti tas-suċċessjoni taħtar likwidatur għall-finijiet tal-likwidazzjoni, li jistieden lill-kredituri biex jgħarrfuh bil-pretensjonijiet tagħhom. Is-sodisfazzjon tal-pretensjonijiet tal-kredituri jieħu preċedenza fuq dawk tal-legatarji (l-Artikoli 1913-1922 tal-Kodiċi Ċivili).

C. Jekk il-werriet ma jkunx magħruf (wirt battal), il-qorti ta' suċċessjoni taħtar gwardjan tal-wirt battal, li jkun responsabbli għall-amministrazzjoni tal-patrimonju u s-sodisfazzjon tal-kredituri sakemm jinstab il-werriet (l-Artikoli 1865-1870 tal-Kodiċi Ċivili).

D. Jekk id-deċedut ikun diġà falla, il-proċedimenti tal-falliment ikomplu kontra l-patrimonju.

7 Kif u meta wieħed isir werriet jew legatarju?

A. Il-patrimonju jintiret awtomatikament mill-werriet fil-mument tal-mewt tad-deċedut. Fil-prinċipju, għalhekk ma hemm bżonn tal-ebda att espliċitu speċifiku ta' aċċettazzjoni tal-wirt (l-Artikolu 1846 tal-Kodiċi Ċivili).

B. Meta werriet jindika bl-imġiba tiegħu li jixtieq ikun werriet (billi jinvolvi ruħu fis-suċċessjoni), huwa jitqies li aċċetta taċitament is-suċċessjoni (l-Artikolu 1849 tal-Kodiċi Ċivili).

C. Meta werriet ma jkunx eżerċita d-dritt li jirrinunzja għas-suċċessjoni qabel l-iskadenza stabbilita (jiġifieri erba' xhur, jew sena jekk id-deċedut jew il-werriet ikun joqgħod barra l-pajjiż fil-mument tal-ftuħ tas-suċċessjoni - l-Artikolu 1847 tal-Kodiċi Ċivili), jitqies li hemm aċċettazzjoni tas-suċċessjoni (l-Artikolu 1850 tal-Kodiċi Ċivili).

D. Hemm eċċezzjoni għall-prinċipju ta' akkwiżizzjoni awtomatika tal-patrimonju meta l-oġġett li jkun se jintiret ikun is-sjeda ta' proprjetà immobbli jew ta' kwalunkwe dritt *in rem* fuq proprjetà immobbli. F'dak il-każ, l-att ta' aċċettazzjoni ta' wirt jew iċ-ċertifikat ta' suċċessjoni jrid ikun irregiſtrat fir-regiſtru tal-atti notarili jew fir-regiſtru tal-artijiet, u l-werriet jikseb id-dritt *in rem* b'effett retroattiv mill-mument tal-mewt tad-deċedut (l-Artikoli 1846, 1193, 1195 u 1198 tal-Kodiċi Ċivili).

8 Il-werrieta huma responsabbli għad-djun tal-mejjet, u jekk iva, skont liema kundizzjonijiet?

A. Werriet, bħala s-suċċessur universali tad-deċedut, huwa responsabbli, inkluż bil-proprjetà personali tiegħu, għall-obbligi tal-patrimonju, kuntrarju għal-legatarji, li huma suċċessuri speċifiċi tad-deċedut (l-Artikolu 1901 tal-Kodiċi Ċivili).

A. Qabel ma jiskadi l-perjodu għar-rinunzja ta' suċċessjoni (jiġifieri erba' xhur, jew sena jekk id-deċedut jew il-werriet ikunu jgħixu barra fil-mument tal-ftuħ tas-suċċessjoni - l-Artikolu 1847 tal-Kodiċi Ċivili), il-werriet jista' jiddikjara lis-segretarjat tal-qorti tas-suċċessjoni li jkun aċċetta s-suċċessjoni bil-benefiċċju tal-inventarju. F'dak il-każ, il-werriet bil-benefiċċju tal-inventarju huwa responsabbli li jerfa' l-obbligi tal-patrimonju sa fejn ikunu jistgħu jiġu sodisfatti bl-assi tal-istess patrimonju (l-Artikoli 1902 u 1904 tal-Kodiċi Ċivili).

C. Il-werriet bil-benefiċċju tal-inventarju jrid jipproċedi biex iħejji inventarju tal-assi tal-patrimonju fi żmien erba' xhur. Il-patrimonju huwa raggruppament tal-proprjetà li hija distinta mill-proprjetà personali tal-werriet. Werriet bil-benefiċċju tal-inventarju jkollu jissodisfa lill-kredituri tal-patrimonju u mbagħad lil-legatarji. Fil-każ ta' atti ta' rinunzja tal-assi tal-patrimonju, il-werriet bil-benefiċċju tal-inventarju jrid jitlob permess mill-qorti tas-suċċessjoni (l-Artikoli 1902-1912 tal-Kodiċi Ċivili u l-Artikoli 812, 838-841 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

D. Waqt l-inventarju, il-kredituri tal-patrimonju jistgħu jitolbu likwidazzjoni għudizzjarja tal-patrimonju mill-qorti tas-suċċessjoni (l-Artikoli 1913 tal-Kodiċi Ċivili). Il-qorti trid tordna l-likwidazzjoni tal-patrimonju fuq talba tal-werriet bil-benefiċċju tal-inventarju, u dan tal-aħħar għandu, f'dak il-każ, jgħaddi l-proprjetà tas-suċċessjoni lill-kredituri u jkun illiberat minn kull obbligu (l-Artikolu 1909 tal-Kodiċi Ċivili).

9 Liema huma d-dokumenti u/jew l-informazzjoni normalment meħtieġa għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tal-proprjetà immobbli?

Biex tkun irreġistrata proprjetà immobbli li tkun intirtet, hemm bżonn ta' dokument pubbliku (tipikament att notarili ta' aċċettazzjoni ta' suċċessjoni jew ċertifikat ta' suċċessjoni). Dan irid jintbagħat lill-awtorità kompetenti (regjistru tal-atti notarili jew ir-regjistru tal-artijiet) li joperaw fil-post fejn tinsab il-proprjetà.

Għal aktar informazzjoni: <http://www.ktimatologio.gr/>

9.1 Il-ħatra ta' amministratur hija obligatorja jew issir obligatorja wara li ssir it-talba? Jekk hija obligatorja jew obligatorja fuq talba, x'inhuma l-passi li għandhom jittieħdu?

Skont id-dritt tas-suċċessjoni Grieg, il-patrimonju jinkiseb direttament mill-werriet mal-mewt tad-deċedut, mingħajr intervent minn rappreżentant jew amministratur (l-Artikoli 983 u 1846 tal-Kodiċi Ċivili).

9.2 Min huwa intitolat li jeseqwi d-dispożizzjoni testamentarja mal-mewt tal-persuna u/jew li jamministra l-patrimonju?

Il-werriet innifsu, li għalhekk jamministra l-proprjetà tas-suċċessjoni. Jekk ikun hemm bosta werrieta, huma jamministraw il-patrimonju flimkien sakemm jittqassam (l-Artikoli 1884-1894 tal-Kodiċi Ċivili).

Id-deċedut fit-testment tiegħu, jew il-werrieta bi qbil jew wara talba mressqa quddiem il-qorti tas-suċċessjoni, jista' jaħtar eżekutor testamentarju, li jkun responsabbli għall-amministrazzjoni u t-tqassim tal-patrimonju (l-Artikoli 2017-2031 tal-Kodiċi Ċivili).

Jekk il-werriet ma jkunx magħruf (wirt battal), il-qorti ta' suċċessjoni taħtar gwardjan tal-wirt battal, li jkun responsabbli għall-amministrazzjoni tal-patrimonju sakemm jinstab il-werriet (l-Artikoli 1865-1870 tal-Kodiċi Ċivili).

9.3 X'setgħat għandu amministratur?

Werriet bil-benefiċċju tal-inventarju jamministra l-patrimonju sakemm jkun ssodisfati l-kredituri (l-Artikoli 1902 u -1912 tal-Kodiċi Ċivili).

Wara talba ta' kwalunkwe kreditur jew werriet imressqa quddiem il-qorti tas-suċċessjoni, tista' tinħareġ ordni għal-likwidazzjoni tal-patrimonju, li tkun amministrata minn likwidatur maħtur mill-qorti tas-suċċessjoni (l-Artikoli 1913-1922 tal-Kodiċi Ċivili).

10 Liema dokumenti huma tipikament maħruġa skont il-liġi nazzjonali matul jew fl-aħħar tal-proċedimenti ta' suċċessjoni li jippruvaw l-istatus u d-drittijiet tal-benefiċjarji? Għandhom effetti evidenzjarji speċifiċi?

A. Kwalunkwe parti kkonċernata (werriet, legatarju, fiduċjarju, eżekutor testamentarju, kredituri tal-patrimonju, akkwirent tal-patrimonju) tista' titlob lill-*Imħallef tal-qorti ċivili distrettwali* responsabbli mis-suċċessjoni biex joħroġ ċertifikat tas-suċċessjoni bħala parti mill-proċedimenti b'ġuriżdizzjoni volontarja (l-Artikolu 819 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

B. Iċ-ċertifikat ta' suċċessjoni huwa dokument maħruġ mill-*Imħallef tal-qorti ċivili distrettwali* responsabbli mis-suċċessjoni li jstabbilixxi l-informazzjoni relatata mas-suċċessjoni (kapaċitajiet u drittijiet, sehem mis-suċċessjoni) (l-Artikolu 1961 tal-Kodiċi Ċivili u l-Artikolu 820 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili). Iċ-ċertifikat ta' suċċessjoni jista' jkun dokument personali (li jiċċertifika l-kapaċità u s-sehem ta' persuna waħda biss) jew dokument konġunt (li jinħareġ għal werrieta konġunti jew iktar minn persuna waħda) (l-Artikolu 1960 tal-Kodiċi Ċivili).

C. Il-persuna nominata bħala werriet, legatarju, fiduċjarju jew eżekutor testamentarju fiċ-ċertifikat tas-suċċessjoni hija preżunta li jkollha l-kapaċità u d-drittijiet rilevanti indikati fiċ-ċertifikat. Din il-preżunzjoni tista' tiġi kkontestata (l-Artikolu 821 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili u l-Artikoli 1962 tal-Kodiċi Ċivili).

D. Iċ-ċertifikat tas-suċċessjoni jikkonferixxi l-awtentiċità. Kull parti terza li twettaq tranżazzjonijiet bona fidi mal-parti indikata bħala l-werriet fiċ-ċertifikat tas-suċċessjoni hija mħarsa (l-Artikolu 822 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili u l-Artikolu 1963 tal-Kodiċi Ċivili).

E. Meta jinħareġ ċertifikat tas-suċċessjoni ħażin, jiġi irrevokat, immodifikat, imħassar u mneħħi, flimkien mal-appelli ordinarji u straordinarji kontra s-sentenza tal-ħruġ taċ-ċertifikat tas-suċċessjoni (l-Artikoli 1964-1966 tal-Kodiċi Ċivili u l-Artikoli 823-824 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

F. Meta l-oġġett tas-suċċessjoni jkun dritt *in rem* fuq proprjetà immobbli, il-werriet jista' jirreġistra ċ-ċertifikat tas-suċċessjoni (l-Artikoli 1846, 1193, 1195 u 1198 tal-Kodiċi Ċivili).

G. Flimkien maċ-ċertifikat tas-suċċessjoni, hemm ukoll dokumenti oħrajn li jippruvaw il-kapaċità u d-drittijiet tal-werriet (eż. kopja tat-testament, ċertifikati tal-istatus ċivili, azzjoni għal sentenza dikjaratorja, eċċ.).

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu l-[feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.



L-aħħar aġġornament: 11/12/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.